MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Numru. 130/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Charmaine Bezzina
Roswell Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, Charmaine Bezzina ta' 27 sena mwielda Pieta' nhar is-17/01/80 bint Paul u Josephine nee Jenkins w/o El Sayed Hassan Yousef Paul, residenti '106, Flat 2, Triq il-Vittorja, Isla, detentur ta' karta ta' l-identita' numru 0105980M u Roswell Farrugia ta' 15 il-sena mwieled Pieta' nhat it-23/02/1991 bin missier mhux maghruf u

Dianne nee Farrugia residenti ’11, Flat 1, Sqaq l-Erwieh, Bormla detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 126291M fejn gew akkuzati talli lum, 13 ta’ Frar, 2007 ghall-habta ta’ 2.15a.m. ikkomettew serq ta’ diesel minn gewwa vettura KQZ036 ghad-dannu ta’ Mario Gauci bhala Direttur ta’ Burmarrad Commercials Ltd ta’ Burmarrad waqt li kien gewwa Triq Abela Scholaro, Hamrun liema serq huwa aggravat bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin, u dan ai termini ta’ l-artikolu 261, 267, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li titratta ma’ l-imputata Charmaine Bezzina bhala li rrendiet ruha ricediva u dana b’sentenza tal-Magistrat Dottor Antonio Mizzi LL.D. nhar il-11 ta’Awissu, 2003 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel fejn kienet instabet hatja li kkomettiet serq aggravat u dan ai terminu ta’ l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Prosekuzzjoni gentilment talbet ukoll lill-Onorabbli Qorti li f’kaz li l-imputata Charmaine Bezzina tinstab hatja, jekk il-Qorti jidrilha xieraq tordna il-konfiska tal-vettura LAA348 bhala parti mill-corpus delicti uzata fir-reat u dan ai terminu ta’ l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avuakt Generali datat 13 ta’ Frar, 2007 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputati din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-13 ta’ Far, 2007 ai termini ta’ l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok. MT1).

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fisseduta ta’ nhar it-13 ta’ Frar, 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja,

din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk irridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssibhom it-tnejn hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-fedina penali ta' l-imputat Roswell Farrugia (Dok MT2) jidher li din hija netta u in vista ta' dan il-fatt u anke tal-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u kkopera fil-kors ta' l-investigazzjonijiet u in vista ta' l-eta' zghira tieghu, il-Qorti thoss li huwa ghandu jinghata cans jirriforma ruhu u jzomm boghod mill-hajja kriminali.

Illi minn ezami tal-fedina penali ta' Charmaine Bezzina (Dok MT1), jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li hija kisret dufrejha mal-gustizzja izda in vista tal-fatt li hija rregistrat ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u kkoperat bis-shih mal-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet u ghandha problema tal-loghob tal-flus, il-Qorti jidrilha li hija ghandha tinghata l-ahhar opportunita' sabiex tirriforma ruhha.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261, 267, 271, 279, 280(1) u l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputata Charmaine Bezzina hatja ta' l-akkuzi kollha kif minnha ammessi u tiddeciedi li tikkundannaha ghall-prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn millum.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap 9 u qeghda taghmel ordni ta' supervizzjoni li permezz ta' din l-ordni qeghda tpoggi lill-hatja Charmaine Bezzina taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal Sorveljanti li ghandu jigi mahtur mid-Direttur ghal Probation u dan ghal zmien sena millum. Il-Qorti tordna li

kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi nominat ufficcjal sorveljanti.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja fi kliem car bir-responsabilita’ taghha skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza, kif ukoll ir-responsabilita’ taghha skond il-ligi jekk ma toqghodx ghal kull ordni legittima illi taghtiha l-Ufficjal sorveljanti.

Fuq ammissjoni u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 271 tal-kap 9 u l-Artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tiddikjara li qed issib lill-imputat Roswell Farrugia hati ta’ l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien sena millum.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini ta’ l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 ghall-konfiska tal-vettura numru LAA348 stante li kif dikjarat mill-istess Prosekuzzjoni, il-vettura m’hijiex registrata f’isem il-hatja Charmaine Bezzina.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------